MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tat-8 ta' Marzu, 2007

Numru 646/2006

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR RAYMOND CASSAR**

**VS**

**BRIAN PACE**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet kontra Brian Pace, ta' 27 sena, bin Saviour u Miriam nee' Agius, imwieled Tal-Pieta', nhar is-7 ta' Awwissu, 1978, residenti fil-fond numru 97, Triq il-Pelligrinagg, Bormla, detentur tal-karta tal-identita' numru 377378(M);

Akkuzat talli:

1. Nhar it-23 ta' April, 2005 ghall-habta ta' bejn it-tmienja u d-disgha ta' fil-ghaxija,

f’Pembroke ikkommetta serq minn vettura tat-tip Hyundai Getz bin-numru tar-registrazzjoni ANG 626 ghad-dannu ta’ Angelo Abela, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-hin, bil-valur, u bix-xorta tal-haga misruqa;

2. U aktar talli fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew/u gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe’ ghamel hsara fil-vettura bin-numru ANG 626 ghad-dannu ta’ Angelo Abela, liema hsara ma tiskorrix il-hamsin lira maltin (Lm50.00);

3. U aktar talli nhar id-9 ta’ Novembru, 2005 ghall-habta ta’ bejn it-tlieta ta’ wara nofsinhar u s-sitta u nofs ta’ fil-ghaxija, f’Pembroke ikkommetta serq minn vettura tat-tip Maruti 800 bin-numru tar-registrazzjoni MAR 905 ghad-dannu ta’ Maria Cini, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, u bix-xorta tal-haga misruqa;

4. U aktar talli fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew/u gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe’ ghamel hsara fil-vettura bin-numru tar-registrazzjoni MAR 905 ghad-dannu ta’ Maria Cini u Joseph Cini, liema hsara ma tiskorrix il-hamsin lira maltin (Lm50.00);

5. U kif ukoll talli sar recidiv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta b’diversi sentenzi moghtija minn Qrati differenti, liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Wara li rat id-dokumenti esebiti;

Wara li semghet ix-xhieda prodotta;

Wara li rat l-Artikoli 261, 263, 267, 270, 271, 334, 49, u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Wara li rat l-ammissjoni tal-imputat fil-verbal tal-lum, wara li nghata zmien xieraq skond il-Ligi biex jikkunsidra din l-ammissjosni tieghu;

Wara li semghet lill-Ufficjal tal-Probation tixhed illum.

Ikkunsidrat:

Fuq ammmissjoni din il-Qorti qiegheda ssib lill-imsemmi imputat Brian Pace hati tal-imputazzjonijiet hekk kif dedotti kontrieh, u ghaldaqstant tordna li jitqieghed taht Ordni ta' Probation ghal zmien tlitt (3) snin, ai termini tal-Arikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------